MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 52/2009

**A B**

**vs**

**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

1. “Illi r-rikorrent u l-intimata kellhom relazzjoni ta' ghoxrin (20) sena;

2. Illi minn din ir-relazzjoni twieldu zewgt itfal u cioe A, li twieled fl-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u disghin (1990), u Shane, li twieled fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (1998);

3. Illi r-relazzjoni bejn il-kontendenti tfarrket irremidjabilment u dana ghal ragunijiet imputabbli interament lill-intimata;

4. Illi konsegwentement ir-rikorrent u l-intimata m'ghadhomx f'din ir-relazzjoni u lanqas ma huma qed jirrisjedu flimkien;

5. Illi l-komportament tal-intimata kompla jaggrava tant illi fil-21 ta' April 2008 hija abbandunat liz-zewg uliedha (li dak iz-zmien it-tnejn kienu minorenni) u halliethom wahedhom fir-residenza fejn kienet qed tabita hija flimkien maghhom;

6. Illi konsegwentement u kif ukoll minhabba diversi ragunijiet ohra, kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza, kien fl-interess tal-ulied il-kontendenti li z-zewg ulied imorru jirrisjedu mar-rikorrenti fir-residenza tieghu;

7. Illi fil-prezent iz-zewg ulied jirrisjedu mar-rikorrenti u b'mod partikolari il-minuri Shane;

8. Illi l-komportament u l-hajja li qed tghix l-intimata huwa ghal kollox irresponsabbli u qieghed ikun ta' hsara ghall-minuri Shane;

9. Illi fost affarijiet ohra, l-intimata ta' spiss tiffrekwenta hwienet tax-xorb vicin hafna tar-residenza tar-rikorrent fejn tisker u ggib ruhha b'mod li mhux xieraq, b'konsegwenza illi l-minuri Shane, illi jirrisjedi fl-istess residenza tar-rikorrent, qed jigi effetwat psikologikament u emozzjonalment meta jara dan l-agir;

10. Illi diversi drabi hija stqarret, fil-prezenza tal-minuri Shane, illi hija ma tridx tarah izjed u ghalkemm r-rikorrent gharnel tentattivi numeruzi sabiex ilaqqa' lill-minuri Shane ma' l-intimata, ibnu minuri dejjem offra rezistenza;

11. Illi f'okkazjoni wahda meta l-minuri Shane kien qieghed jaghmel zjara lill-ommhu fir-residenza taghha dana cempel lir-rikorrent sabiex imur ghalih ghaliex ma felahx joqghod hemm izjed. Meta ir-rikorrent mar ghalih l-intimata bdiet targurnenta mar-rikorrent u kif ukoll hebbet ghar-rikorrent fizikament. Dana sehh quddiem il-minuri Shane.

12. Illi aktar ma jghaddi zmien l-intimata anqas u anqas qed turi interess f'binha minuri Shane;

13. Illi l-intimata stqarret mar-rikorrent illi kienet qiegheda tikkonsidra illi ttemm hajjitha b'idejha;

14. Illi inoltre, r-rikorrent qieghed unikament igorr il-piz tat-trobbija tal-minuri Shane u dana kemm mil-lat finanzjarju u kif ukoll mill-lat emozjonali, u minghajr ebda ghajnuna mill-intimata. Minkejja dan, fil-prezent l-intimata ghadha sahansitra tippercepixxi l-beneficcju socjali fil-forma ta' Children's Allowance;

15. Illi r-rikorrent huwa tal-umili opinjoni illi fl-ahjar interess tal-minuri Shane, l-kura u 1-kustodja ta' ibnu minuri Shane tigi affidata esklussivament lilu;

16. Illi ghandu jinghad illi saru proceduri ta' medjazzjoni quddiem il-medjatrici Dr. Barbara O'Brien (ittra numru 439/08 BOB) sabiex jintlahaq ftehim dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri Shane, izda dawn ma kellhomx ezitu posittiv u din l-Onorabbli Qorti awtorizzat lir-rikorrent sabiex jipprocedi b'kawza ad hoc permezz ta' digriet datat 10 t' Ottubru 2008 u permezz ta' digriet datat 23 ta' Dicembru 2008;

Ghaldaqstant tghid l-intimata ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri Shane B illi l-kura u l-kustodja tigi affidata esklussivament lir-rikorrent u dana ghal ragunijet imputabbli interament lill-intimata;

2. Tordna konsegwentement illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Shane B tigi affidata esklussivament lir-rikorrent;

3. Tordna illi, jekk ikun opportun, l-intimata jkollha access, kif stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, u liema access ghandu jsir taht supervizjoni ta' persuni kompetenti u professjonisti;

4. Tiffissa ir-retta alimentari ossia manteniment ghall-minuri Shane B li ghandha tithallas mill-intimata;

5. Tordna illi l-intimata thallas lir-rikorrent l-ammont ta' manteniment mensili kif stabbilit minn din l-istess Onorabbli Qorti;

6. Tordna li l-beneficcju socjali fil-forma ta' children's allowance ghandha tigi percepita mir-rikorrent;

7. Tordna lill-intimata sabiex tiddezisti mill-komportament taghha li jista' jkun ta' hsara ghall-minuri Shane B, inkluz tordna li l-intimata ma ghandhiex tiffrekwenta l-inhawi tal-Bajja ta' San Gorg, San Giljan fejn jirrisjedi l-minuri Shane B flimkien mar-rikorrent u dana taht kull piena li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun, u dana sabiex tipprotegi lill-minuri Shane B milli jigi espost ghal komportament tal-intimata u ma titkomplix issir hsara lill-isess minuri Shane B;

L-ispejjez kontra l-intimata li hija min issa ngunta in subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet:-

1. "Illi hija tichad li hija hatja tat-tortijiet imputati lilha mir-rikorrent.

2. Illi l-esponenti kienet ilha mar-rikorrent ghal madwar dsatax-il sena u hi kellha titlaq lir-rikorrent minhabba l-imgieba hazina tieghu fil-konfront taghha li jinkludi ir-rikorrent jixrob b' mod esagerat kuljum, kif ukoll li beda juriha li ried jghix hajja ta' guvni ghalih wahdu u jaghmel li jrid.

3. Illi ir-rikorrent ghandu mezzi ferm oghla mill-esponenti ghaliex huwa ghandu sehem f bar u restaurant imqabbad hafna fil-Bajja ta' San Gorg, San Giljan, filwaqt li l-esponenti tahdem biss bhala "waitress partime".

4. Illi l-esponenti tixtieq li tkun tista' zzomm il-kura u l-kustodja ta' binha, izda dan meta jkun mal-esponenti gieli jiddejjaq u jkun irid jmur ghand missieru ghaliex hemm ghandu hwejjgu, computers u hwejjeg ohra bhal dawn li ma jistax jkollu ghand l-esponenti peress li din ma tistax tixtrilu affarijiet bhal dawn."

Rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal.[1]

Rat il-provi imressqa.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet ipprezentati mill-partijiet.

Rat l-atti.

[1] Fol. 29.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

L-unika mertu pendenti f'din il-kawza hi t-talba tal-attur sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallsu manteniment ghall-minuri Shane B illi jirrisjedi mal-missier. Difatti il-konvenuta stess fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha[2] tiddikjara illi "… l-mertu l-iehor rigwardanti il-kura u kustodja tal-imsemmi minuri illum huwa ezawrit ghaliex l-imsemmi bin il-kontendenti li llum m'huwiex xi tifel zghir, ghazel u ilu xi snin jghix ma' missieru."

**Ligi u Gurisprudenza**.

**Artikolu 7** tal-Kap. 16 jipprovdi illi:-

*(1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.*

**Artikolu 19** tal-Kap 16 jipprovdi illi:-

*"(1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.*

*(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom.*

**Artikolu 20.**

*(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

[2] Fol. 293

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust.*

**Artikolu 21**

*(1) Meta min jagħti l-manteniment jiġi fi stat li ma jkunx jista' jagħti aktar il-manteniment kollu jew biċċa minnu, hu jista' jitlob li jkun meħlus mill-obbligu tiegħu jew li tkun imnaqqsa ssomma tal-manteniment, skont ma jkun il-każ.*

*(2) Dan igħodd ukoll jekk il-bżonn ta' min ikun jirċievi l-manteniment jispiċċa għal kollox jew f'parti.*

**Artikolu 3B tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

*"(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*

*(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew*

*(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar Kap. 413. Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali.*

- *omissis* -

*Iżda dak provdut f'dan is-subartikolu jkun bla ħsara għall-obbligi tal-ġenituri naturali tal-wild u f'kull każ bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149*.

Fil-kawza "**Georgina Schembri pro et noe vs Dino Schembri**", deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Novembru, 2002 jinghad hekk:-

"Illi skond l-**artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16** jinghad li:-

"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."

Illi ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-artikolu 2 tal-Kap 16 "jerfghu r-responsabilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom…….l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' bazikament l-istess dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 20** ta' l-istess Kap, u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, u fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, pero' xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri verso l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-sub-artikoli ta' l-istess artikolu 20…….Illi din il-Qorti taqbel ukoll mal-konsiderazzjoni li ghamlet din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fil-kawza fl-ismijiet "**Marthese Vella pro et noe vs George Vella**" deciza fit-28 ta' Frar, 2003 fejn inghad illi "l-fatt li l-mara ma tahdimx ma jfissirx li din ma ghandhiex il-potenzjal li tahdem u tiggenera introjtu". Inghad ukoll f'din l-istess sentenza illi "t-tibdil legislattiv filwaqt li rrikonoxxa l-avvanz tal-mara gab mieghu wkoll responsabilitajiet fuq il-mara mizzewga ferm aktar milli kellha qabel. Dawn ir-responsabilitajiet huma riflessi wkoll anke fejn jirrigwarda l-manteniment. Li jfisser li hi wkoll trid terfa'bhal zewgha r-responsabilita` ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-familja". (Ara decizjoni fl-ismijiet "**Doris Tabone vs. Carmelo Tabone**", Appell, 15 ta' Dicembru 1997.

- omissis -

Illi ghar-rigward ta' l-obbligu tal-manteniment, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet "**Anthony Licari vs Caroline Licari pro et noe**" deciza fis-6 ta' April, 1992 qalet illi "l-obbligu ta'l-attur li jmantni lil uliedu jigi qabel l-obbligu tal-konvenuta". Din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, dwar dan l-obbligu ta' manteniment lil minuri qalet "Illi dan l-obbligu ghall-manteniment m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-missier izda huwa obbligu assolut" (Ara wkoll "**Maria Bugeja pro et noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja**" - Cit. Nru 154/94). u "Lea Tabone pro et noe vs. Jesmond Tabone, PA (RCP) – 2 ta' Ottubru 2003.

**Konsiderazzjonijiet**.

Il-kuntrast bejn il-partijiet jirrigwarda biss jekk il-konvenuta ghandhiex thallas manteniment ghall-minuri Shane B li jirrisjedi ma' missieru. Il-konvenuta issostni illi l-introjtu zghir taghha ma jippermettiliex li thallas manteniment ghal binha. Izzid issostni l-konvenuta illi tenut kont tal-fatt li l-attur ghandu dhul elevat u ferm akbar minn taghha li jippermettulu li jaghmel numru ta' kapricci fosthom l-akkwist ta' vetturi lussuzi, allura hija m'ghandhiex tigi kkundannata thallas manteniment ghal binha.

Tilmenta l-konvenuta illi l-attur ma ressaqx provi dwar il-htigijiet tal-minuri.

Il-minuri Shane illum ghandu sittax-il sena u ghalkemm fl-atti m'hemmx wisq provi dwar x'inhuma l-ispejjez relativi ghat-trobbija tieghu, il-Qorti qed tqis li dawn huma dawk normali f'dik l-eta'. Ma jirrizultax li ghat-trobbija tal-minuri hemm htiega ta' xi spejjez straordinarji aktar minn normal.

Applikati l-provvedimenti legali u l-gurisprudenza aktar 'il fuq citata ghal kaz in ezami, l-Qorti hi tal-fehma illi ghalkemm huwa minnu li d-dhul tal-konvenuta huwa relattivament baxx, specjalment meta mqabbel ma' dak tal-attur; xorta jissussisti fil-konvenuta l-obbligu, skont il-mezzi ristretti taghha, li tikkontribwixxi ghat-trobbija tal-minuri.

Il-konvenuta xhedet li l-impieg taghha huwa part-time. Meta xhedet qalet li d-dhul taghha f'sena kien ta' erbat elef u sebgha u sebghin ewro (€4,077). Ma tat l-ebda raguni ghaliex ma tahdimx full-time tenut kont illi ma jidhirlx li ghandha xi impediment biex tahdem sieghat normali tax-xoghol. Il-Qorti mhiex taccetta l-verzjoni tal-konvenuta li dak huwa d-dhul taghha. Ghalkemm fix-xhieda

taghha l-konvenuta tiddikjara illi: "Jiena m'ghandix minn fejn inhallas biex nikkontribwixxi ghat-trobbija ta' Shane. Bil-kemm ghandi bizzejjed ghalija"[3] fl-istess hin ma taghti l-ebda raguni ghaliex ma tahdimx aktar sieghat minn dawk li tallega li tahdem. Illum il-gurnata iz-zewg ulied tal-partijiet jirrisjedu ma' missierhom u ghalhekk ma hux il-kaz li l-konvenuta jehtieg toqghod id-dar tipprepara ghall-htigijiet tal-familja taghha. Tghid li tqatta hafna hin matul il-gimgha tipprova ssib xoghol. Pero' prova konkreta ta' dan u in-nuqqas allegat ta'success fir-rigward ma gabitx. Rapprezentant ta' bank lokali ezebixxa numru ta' cheques[4] li juru pagamenti mensili maghmula mill-kumpanija li thaddem lill-konvenuta lill-istess konvenuta li jammontaw biss ghal mija u wiehed u disghin ewro (€191). Genitur li trid mhux biss tmantni lilha nnifsiha izda wkoll ghandha l-obbligu li tikkontribwixxi ghall-manteniment ta' wild minuri ma jfittix impieg li jirrendilul biss €191 fix-xahar. Kieku dak allegat mill-konvenuta ghandu mill-verita' lanqas li l-konvenuta setghat taghmel huwa li tibda tirregistra ghax-xoghol sabiex jinstabilha xoghol adegwat bi dhul decenti. In-nuqqas tal-konvenuta f'dan ir-rigward iwassal lill-Qorti tikkonkludi illi l-konvenuta ghandha dhul akbar minn dak li l-karti juru. Fi kwalunkwe kaz ghandha l-obbligu li zzid id-dhul taghha sabiex tkun tista' adegwatament tikkontribwixxi ghall-manteniment ta' bina.

Dwar l-ispejjez taghha tghid li thallas in-national insurance contributions, kontijiet ta' dawl u l-ilma tal-flat fejn tirrisjedi; spejjez tal-condominium €5 fix-xahar; spejjez meta tohrog lill-minuri.[5]

L-attur mill-banda l-ohra jghid li d-dhul medju tieghu mill-bar li jiggestixxi huwa ta' ghaxart elef ewro fis-sena (€10,000), anqas minn elf ewro fix-xahar. Anke hawn, il-Qorti qed tikkonsidra bhala mhux veritiera l-verzjoni li ta l-attur dwar id-dhul tieghu. Min-negozju stabbilit li jiffunzjona mit-Tnejn sal-Hadd ma hux verosimili li d-dhul huwa biss ta' ghaxart elef ewro fis-sena considerando is-sieghat twal li l-gestjoni ta' bar tirrikjedi.

Fic-cirkostanzi il-Qorti qed tikkonsidra li kontribuzzjoni xierqa' da parti tal-konvenuta ghall-manteniment tal-minuri Shane ghandha tkun fis-somma ta' mitt ewro (€100) fix-xahar.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi, prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta;

---

[3] Fol. 85
[4] Fol. 149 et. seq.
[5] Fol. 85

1. Tilqa’ l-ewwel u t-tieni talba attrici, tiddikjara illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri Shane li l-kura u kustodja tieghu tigi affidata esklussivament f’idejn missieru l-attur u ghalhekk qieghda tordna li l-kura u kustodja tal-minuri Shane tigi affidata esklussivament lill-attur A B.

2. Tilqa’ t-tielet talba u tordna li l-konvenuta C Djkollha access ghall-minuri Shane fi granet u hinijiet li l-partijiet jiftehmu minn zmien ghal zmien b’konsultazzjoni mal-minuri.

3. Tilqa’ r-raba’ u l-hames talba, tiffissa r-retta alimentari ghall-minuri Shane B li ghandha tithallas mill-konvenuta lill-attur fis-somma ta’ mitt ewro (€100) fix-xahar u ghalhekk tordna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ mitt ewro (€100) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri Shane.

4. Tilqa’ s-sitt talba, tordna li l-beneficcji socjali fil-forma ta’ children’s allowance ghandhom jigu percepiti mill-attur.

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba’ talba peress illi l-mertu taghha llum jinsab ezawrit.

Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz il-Qorti tordna li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------